MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 105/2010/1

**John sive Giovann u Helen konjugi Vella**

**Vs**

**Registratur tal-Qorti (Ghawdex);**

**Reginald Vella ghal kull interess li jista' jkollu; u**

**Avukat Alex Perici Calascione ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' John u Helen konjugi Vella li ppremettew:

1. Illi l-konvenut Reginald Vella kien istitwixxa kawza fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali li ggib in-numru Rikors numru: 105/2010(AE) fl-ismijiet Reginald Vella ta' Maria, Triq l-Ewropa, Rabat, Ghawdex vs John sive Giovann u Helen konjugi Vella ta' 106, Chateau Perellos, Triq Santa Dminka, Rabat, Ghawdex; f'liema kawza giet mahruga t-taxxa mir-Registratur tal-Qorti, kopja taghha hawn annessa u markata dokument 'A';

2. Illi l-esponenti ma humiex jaqblu mat-taxxa kif mahruga mir-Registratur stante illi ai termini tal-Artikolu 4 paragrafu 1(e) ta' Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta: "F'kawza fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt ta' proprjeta' jew fuq il-proprjeta' kontra persuna ohra, huwa ghandu jissottometti dikjarazzjoni mahlufa li turi l-ammont bejn wiehed u iehor li jahseb li jkun jista' jitlob jekk jigi stabbilit id-dritt tieghu u l-valur li ghandu jigi ntaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur: Izda f'ebda kaz id-dritt intaxxat ma ghandu jkun inqas minn €232.94";

3. Illi l-attur, fuq talba tal-Onorabbli Qorti appena l-imsemmija kawza giet quddiemha, ipprezenta stima tal-Perit inkarigat minnu, kopja taghha hawn annessa u mmarkata dokument 'B' fejn iddikjara li l-valur tal-proprjeta huwa ta' tliet mija u sitta u disghin elf Ewro (€396,000);

4. Illi konsegwentament ir-Registratur ai termini tal-Artikolu fuq imsemmi kellu jahdem it-taxxa fuq dak il-valur u skont dik l-istima.

Illi talbet li dina l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara li t-taxxa mahruga mir-Registratur hija zbaljata u (2) tordna lir-Registratur jahdem it-taxxa mill-gdid fuq il-valur li kien qed jippretendi l-attur fil-kawza msemmija u cioe l-valur skont l-imsemmija stima tal-Perit.

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura, u ta' l-atti kollha konnessi, relattivi u sussegwenti.

Rat ir-risposta guramentata ta' Reginald Vella li eccepixxa:

1. Illi l-istima msemmija mir-rikorrenti fit-tielet paragrafu tar-Rikors *de quo* hija di natura legali dokument in atti li ma giex ipprezentat certament ai termini tal-Artikolu 4(1) (e) tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk ma huwiex korrettement applikabbli ghat-talba tar-rikorrenti;

2. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-istess Artikolu fuq citat u li abbazi tieghu r-rikorrenti qieghed jaghmel it-talba prezenti, jitkellem fuq "*....l-ammont bejn wiehed u iehor li jahseb li jkun jista' jitlob* ***jekk jigi stabbilit id-dritt tieghu****...*"(enfasi tal-esponenti), u mhux il-valur tal-immobbli kollu;

3. Illi ghalhekk, anke jekk jittiehed in konsiderazzjoni d-Dokument B anness mar-Rikors promotur odjern, trattandosi ta' kawza ta' divizjoni fejn il-partijiet ghandhom dritt ugwali ta' proprjeta', skont dan l-istess dokument sehem l-esponenti (*qua* propjetarju ta' nofs indiviz) ma huwiex ta' €396,000 imma se mai ta' €198,000;

4. Illi oltre dan, la darba dina t-talba prezenti qeghdha ssir mill-intimati Vella u la darba l-intimati Vella in sostenn tat-talba taghhom ghamlu referenza ghall-atti processwali tal-kawza principali, ma jistax ma jigix kunsiderat illi fl-istess kawza

principali huma ndikaw li l-fond ma kellux jigi maqsum nofs bin-nofs direttament peress illi qabel kull qasma huma kellhom jithalsu l-valur tal-benefikati kollha li saru fuq l-art *de quo* – liema benefikati huma riflessi direttament fil-valutazzjoni ta' €396,000 li r-rikorrenti odjerni qeghdin juzaw bhala bazi tat-talba taghhom odjerna;

5. Illi ghalhekk se mai, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-valutazzjoni ghall-fini ta' taxxa kellha tkun €396,000 nieqes il-pretensjoni tal-konjugi Vella rapprezentanti l-benefikati kollha, bil-figura rizultanti tigi diviza bi tnejn (peress illi l-esponenti ghandu biss nofs indiviz);

6. Illi ghar-ragunijiet premessi t-talba tar-rikorrenti ghandha tirrizulta nfondata fil-fatt u fid-dritt u respinta bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tar-Registratur tal-Qorti (Ghawdex) li eccepixxa:

1. Preliminarjament, l-inkompetenza *ratione valoris* ta' dina l-Onorabbli Qorti.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa in kwistjoni giet mahduma korrettement.

3. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, il-kawza li tat lok ghal dina l-procedura ma kienitx qeghdha tirrivendika l-proprjeta' illi l-valur taghha gie ddikjarat illi huwa ta' tliet mija u sitta u disghin elf ewro (€396,000) imma kienet qeghdha titlob il-qasma tal-istess fond stante illi huwa kommodament divizibbli. Ghaldaqstant, il-*quod disputatum est* ma kienx ta' €396,000 kif qed jallega r-rikorrent imma t-taxxa kellha tinhadem fuq punt ta' fatt u mhux ad valorem kif effettivament inhadem.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' April, 2015 ir-rikors gie differit ghad-decizjoni ghal-lum wara li l-partijiet inghataw il-fakulta' li jaghmlu noti ta' sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet 'Reginald Vella vs. John sive Giovanni Vella et' bin-numru 105/2010;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel li tehtieg li tigi kkunsidrata hija l-eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza ta' din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Superjuri taghha kif imqajjma mill-intimat Registratur tal-Qorti kif isegwi:

'Preliminarjament, l-inkompetenza *ratione valoris* ta' dina l-Onorabbli Qorti.'

Illi fuq dan il-punt fil-kawza fl-ismijiet '**Francis Saliba et vs Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex et'** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar il-15 ta' Apri, 2009 inghad kif isegwi:

'Skont l-Artikolu 47 tal-Kap. 12:

(1) Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat wiehed jippresjedi, u dik il-qorti bhala qorti ta' l-ewwel grad tisma' u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), kontra persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta.

M'hemmx dubju li taxxa li tinhareg mir-Registratur hi att tieghu u mhux

tal-qorti li ddecidiet il-kawza (ara per ezempju **Emmanuel Buttigieg proprio et vs Anthony Cauchi proprio et nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Lulju 2004). Tant hu hekk li l-ligi stess tipprovdi li *"l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-Registratur tal-Qorti......"* (Artikolu 64 tal-Kap. 12). Kif tajjeb gie osservat fil-kawza **Lewis Borg vs Avukat Dr Giuseppe V. Salamone**, fil-kaz ta' taxxa, *"....lill-Qorti jappartjeni biss il-konjizzjoni tal-kontroversji relattivi ghat-taxxi maghmula mir-Registratur, meta tigi mpunjata l-attendibilita' jew il-korrettezza taghhom minn min ikollu nteress."* (Prim'Awla tal-Qorti Civili, 23 ta' Frar 1960). Ghalhekk ghalkemm kawza tkun giet deciza minn qorti superjuri, b'daqshekk ma jfissirx li l-procedura ta' ritassa trid bilfors tinstema' u tigi deciza minn dik il-qorti. Dan minkejja li fir-realta' hu certament iktar desiderabbli li procedura ta' ritassa ssir quddiem l-istess qorti presjeduta mill-istess gudikant li jkun ippronunzja s-sentenza.

Hu evidenti li t-talba tar-rikorrenti m'ghandix valur incert jew indeterminat in kwantu t-taxxa mahruga mir-Registratur hi ntrinsikament marbuta ma' valur li r-rikorrenti jippretendu li m'huwiex korrett u qeghdin jitolbu li jigi rivedut. Valur li jirrizulta mit-taxxa mahruga mir-Registratur u li wara kollox hu t-titolu li jaghti lok ghal dan il-procediment (Artikolu 748(b) tal-Kap. 12), u liema valur jista' jigi rivedut fi procediment ta' ritassa. Ir-rikorrenti jippretendu li t-taxxa mahduma mill-intimata hi zbaljata in kwantu d-dritt tar-registru u ta' l-avukati hu eccessiv, u ghalhekk iridu li ssir mill-gdid. Il-valur komplessiv tat-taxxa hu ta' €11,409.58 (€6,866.96 + €4,542.62). Valur li ma jaqax fil-kompetenza ta' din il-qorti.

Il-qorti lanqas ma tista' targumenta li t-taxxa nharget mir- Registru tal-Qrati Superjuri u ghalhekk ir-rikors seta' jsir quddiem qorti superjuri. Skont l-Avviz Legali 139 ta' l-2004 kif sussegwentement emendat, jezisti biss registru wiehed ghal Malta imsejjah Registru tal-Qrati Civili u Tribunali, Malta u iehor ghal Ghawdex imsejjah Registru tal-Qrati Civili u Tribunali, Ghawdex u li hu kompetenti li jircievi atti gudizzjarji, atti bil-miktub u dokumenti ohra. Registru li espressament iservi ghall-qrati superjuri u nferjuri. Mir-ricerka li ghamel il-Magistrat sedenti jirrizulta

li qabel l-emendi li saru bl-Ordinanza VI ta' 1880, kull qorti (inkluz dawk superjuri) kellha registru taghha. Sussegwentement, l-Artikolu 36 kif emendat bl- imsemmija Ordinanza gie jaqra:

*"Le Corti Superiori hanno un registro comune a tutte. Le Inferiori hanno ciascuna il suo particolare registro."*, Provvediment li thassar.

Jidher li qabel l-emendi li saru bl-Ordinanza VI ta' l-1880 il-prassi kienet li l-procedura ta' ritassa kienet issir quddiem il-qorti li mir-registru taghha tkun harget it-taxxa.

F'dan il-kuntest hi rilevanti s-sentenza **Balbi vs De Domenico** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fit-3 ta' Gunju 1898 fejn gie dikjarat li procedura ta' ritassa ma kienitx ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerc in kwantu tali procediment kien jittratta dwar kawza li giet deciza mill-qorti, li procedura ta' ritassa m'hijiex ta' natura kummercjali, u lanqas m'hi att ta' kummerc ghall-kontendenti. Il-qorti osservat:

*"Considerando che prima della promulgazione dell'Ordinanza No. VII del 1880, con cui veniva emendat l'Art. 36 delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile, la pratica che fin'allora era invalsa di impugnare le tasse, fatte dal Registratore, dei diritti nelle cause decise dalle Corti Superiori, innanzi la Corte che avesse deciso il giudizio cui quei diritti riguardassero, era qualificata dal fatto che a ciascuna delle Corti Superiori era preposto un Registratore. Siffatta ragione, pero', piu non esiste dacche' per l'Art 2. della detta Ordinanza, emendante il suddetto Art. 36, i quattro registri delle Corti Superiori sono stati riuniti in un registro comune a tutte quelle Corti, sotto la direzione e responsabilita' di un solo Registratore."*.

Insenjament li certament ma jistax japplika llum il-gurnata fejn ghandek registru wiehed u Registratur, Qrati Civili u Tribunali, Ghawdex wiehed.'

Wara s-suespost, dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-eccezzjoni mqajma *rationae valoris* kienet gusta.

Applikat l-insenjament suespost ghall-kawza odjerna jirrizulta li t-taxxa mpunjata a fol. 3 tal-process ghandha valur globali ta' erbat elef u hamsa

u ghoxrin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€4,025.52). Anki li kieku t-taxxa kellha tigi riveduta ghall-valur pretiz mir-rikorrenti xorta wahda l-valur globali taghha ma jaccedix il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri ai termini tal-artikoli 47 (1) u 50 (2) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta ghalhekk li fi kwalunkwe kaz din il-Qorti m'hijiex kompetenti sabiex tiddeciedi din il-kawza izda r-rikors kellu jigi ntavolat fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri u ghalhekk l-eccezzjoni preliminari jisthoqq li tigi milqugha.

Illi in oltre fil-mertu din il-Qorti tqis li l-premessi tar-rikorrent kienu wkoll zbaljati fejn dawn gew ibbazati ai termini tal-artikolu 4 paragrafu 1 (e) tat-Tariffa A tal-Kap. 12 u dan ghaliex evidentement il-kawza bin-numru 105/2010 kienet kawza ta' divizjoni u ghalhekk kien applikabbli sub-artikolu (b) u mhux (e) tal-istess artikolu 4 tat-Tariffa A. Il-Qorti izda tinnota illi kieku ma gietx milqugha l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta' din il-Qorti kif hawn fuq suespost, id-direzzjoni ghas-sub-artikolu zbaljat ma kienx ser iwaqqaf lil din il-Qorti milli tilqa' t-talba tar-rikorrent stante li evidentement l-istma mahruga mill-Perit tal-attur a fol. 25 tal-process 105/2010 AE kontenenti l-valutazzjoni tal-fond in divizjoni giet skorrettement injorata da parti tar-Registratur filwaqt li t-taxxa sabiex tkun legalment korretta kellha tinhadem fuq dak il-valur u l-partijiet ma kienux jispiccaw fic-cirkustanzi tal-lum. Il-Qorti nnutat ukoll li l-kawza originali kienet giet ikkancellata konsegwenza ta' nuqqas ta' azzjoni da parti ta' dak iz-zmien l-attur, illum konvenut Reginald Vella li anki f'dawn il-proceduri ghalkemmipprezenta r-risposta tieghu naqas milli qatt jidher quddiem din il-Qorti. Il-Qorti tqis li dawn ic-cirkustanzi ghandhom jigu riflessi fl-ispejjez tar-rikors odjern.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti m'ghandiex triq ohra ghajr li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tad-Direttur tal-Qorti (Ghawdex) u tiddikjara li m'hijiex kompetenti tisma' r-rikors odjern u tichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------